# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 784

KAZ NRU. 947

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Publius Micallef

u

Associated Supplies Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 14 ta’ Jannar 1997

**Chairman : Is-Sur Anthony Degiovanni**

1. **DAHLA**

Il-Ministru ta’ l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta’ ittra datata 11 ta’ Lulju, 1995 riferenza ME 4/95/5354 talab lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar din il-kwistjoni skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-artiklu 28(2) tal-Kapitlu 266 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. **RAPPREZENTANZA**

2.1 l-appellant kien irrapprezentat mill-avukat Carmelo Mifsud Bonnici.

2.2 Il-Kumpanija kienet irrapprezentata mis-sur Christopher Rizzo mghejjun mill-avukat Norval Desira.

3. **LISTA TA' XHIEDA**

3.1 Ghall-appellant xehdu :-

is-Sinjuri Joseph Borg
Publius Micallef
l-appellant innifsu
Tonio Sammut

3.2 Ghall-Kumpanija xehdu :-

is-Sinjuri Christopher Rizzo
Stephen Rizzo
Adna Said

3.3 is-sur Angelo Abela kien xhud komuni ghaz-zewg partijiet.

4. **PREZENTAZZJONI TA' DOKUMENTI**

4.1 L-appellant ipprezenta :-

4.1.1 l-istatment of case
4.1.2 kopja tac-certifikat tat-temm ta' l-impjieg

4.2 Il-Kumpanija pprezentat :-

4.2.1 l-istatement of case - li kien jinkludi hames appendici.

5. **TAGHRIF GENERALI U TALBIET TAL-PARTIJIET**

5.1 L-appellant stqarr li :-

5.1.1 huwa gie mpjegat mal-Kumpanija nhar it-8 ta' Gunju 1994 fil-kariga ta' Pipe Fitter

5.1.2 matul Jannar 1995 minhabba proceduri kriminali hu ma setax imur ghax-xoghol. Wara li dahal lura ghax-xoghol gie trasferit fuq xoghol iehor

5.1.3 hu kien nieqes minn taghmir addatat biex jaghmel xogholu sew. It-talbiet li kien jaghmel f'dan is-sens kienu jdumu hafna ma jintlaqghu

5.1.4 nhar it-23 ta' Gunju 1995 kien mgharraf li l-impjieg tieghu gie terminat b'effett mis-7 ta' Lulju 1995

5.1.5 ir-raguni li nghatat ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ma kienitx fondata u ghaldaqstant mhux skond il-Ligi.

5.2 Il-Kumpanija stqarret li :-

5.2.1 l-appellant beda jahdem mal-Kumpanija nhar it-8 ta' Gunju, 1994 bhala "Pipe fitter"

5.2.2 f'xi zmien ufficjali ta' Kumpanija ohra kienu nsistew mal-Kumpanija biex l-appellant jitwarrab minn fuq il-lant tax-xoghol minhabba akkuzi kriminali li kienu ngiebu kontrieh

5.2.3 minkejja l-kariga li kien jokkupa hu ma kienx

kapaci jaqra drawings tax-xoghol u wkoll ma kienx kapaci johrog qisien ta' pajpijiet minn fuq drawning. Minbarra dan xogholu kien ikollu hafna difetti u maghmul bi traskuragni

5.2.4 wara diversi twissijiet il-Kumpanija taghtu l-ewwel twiddiba bil-miktub nhar it-22 ta' Mejju, 1995

5.2.5 aktar tard f'Gunju, 1995 inharget it-tieni twiddiba minhabba hsara li kien ghamel fuq zewg "fan coil units"

5.2.6 darba fost l-ohrajn l-appellant ma dahalx ghax-xoghol. La kien talab leave minn qabel u lanqas ma rraporta li ma jiflahx. Minhabba f'hekk nhar it-23 ta' Gunju, 1995 inharget l-ahhar twiddiba u gie tterminat l-impjieg.

## 6. ARGUMENTI U PROVI TAL-PARTIJIET

6.1 L-appellant argumenta li :-

6.1.1 hu kien impjegat mal-Kumpanija fil-kariga ta' "Pipe fitter"
Galadarba dan ma kienx kontestat it-Tribunal irid jezamina jekk l-allegazzjonijiet kollha tal-Kumpanija jippartenux ghal din il-kariga jew ghal dik ta' "Foreman" jew "Leading Hand"

6.1.2 meta naqas li jattendi ghax-xoghol dan gara minhabba li kien marid kif xehed huwa stess waqt is-smigh tal-kaz. Minkejja li dan l-allegat nuqqas issemma waqt is-smigh tal-kaz ma kienx inkluz bhala raguni ghat-temm ta' l-impjieg u ghaldaqstant m'hemmx wisq htiega ta'

aktar provi dwar dan

6.1.3 kif jirrizulta car mix-xhieda l-hsara li issem-miet  fuq zewg “fan coil units” la kienet xi dizastru ta’ dannu kbir ghall-Kumpanija u wahda biss grat minhabba ntervent tieghu.
Il-hsara l-ohra saret minn xi hadd iehor u nduna biha hu. Il-hsara li kkaguna hu kienet limitata ghal toqba zghira f’tubu tar-ramm li giet imsew-wija

6.1.4 l-akkuza kontrieh li ma kienx jaf jaqra u jiehu qisien minn fuq drawing sfumat fix-xejn, spec-jalment wara x-xhieda ta’ Tonio Sammut li hu kien jaf jaqra drawing f’livell ta’ bejn 75 u 85 fil-mija

6.1.5 kull meta nqala’ xi xoghol u rega’ sar mill-gdid, dan ma kienx minhabba xoghol jew qisien hziena izda biss minhabba hsara li ghamlu terza persuni jew zbalji fid-drawings

6.1.6 l-anqas mhu minnu li hu kien jitlaq kmieni minn fuq il-lant tax-xoghol minghajr permess. Meta darba kien akkuzat b’dan hu kien qed jistenna t-trasport tal-Kumpanija biex jigbru u ma kienx skartat. Tant li meta wasal il-”Foreman” dan talbu u hu accetta li jkompli bis-sahra

6.1.7 kif jirrizulta car mid-dokumenti pprezentati t-twiddib li nghata kien migbur fi zmien qasir ta’ xahar u l-ahhar zewg twiddibiet inghatawlu fil-jum meta tkecca

6.1.8 fuq kollox hemm kontradizzjoni bejn ir-raguni ghat-temm ta’ l-impjieg u dak li ghamlet il-

Kumpanija.
Ghaliex fil-waqt li l-Kumpanija stqarret li temmet l-impjieg wara process ta’ dixxiplina l-akkuzi ewlenin kontrieh kienu minhabba nuqqas ta’ hila

6.1.9 fid-dawl ta’ dan kollu t-temm ta’ l-impjieg ma kienx ghal raguni tajba u bizzejjed skond il-Ligi.

6.2 Il-Kumpanija argumentat li :-

6.2.1 l-appellant kien impjegat fil-kariga ta’ Leading Pipe Fitter

6.2.2 ghalkemm inghatat xhieda li kien jaf jaqra drawing f’livell ta’ bejn 75% / 85% dan ma kienx bizzejjed fil-livell tal-kariga li kien jokkupa

6.2.3 meta kien mitlub jiehu r-responsabbilta’ ta’ Foreman l-appellant naqas li jaghmel hekk, ghaliex hass ruhu mhux kapaci. Din waheda hija prova ta’ nuqqas ta’ hila

6.2.4 kif jirrizulta mix-xhieda ta’ Adna Said l-appellant kien ghamel xoghol hazin u wkoll kien hemm okkazzjoni meta kien wieqaf mix-xoghol meta suppost kien qed jahdem. B’rizultat ta’ dan l-ahhar avveniment kienet inharget l-ewwel twiddiba miktuba

6.2.5 fid-dawl ta’ l-avvenimenti kollha li graw inholoq dubju f’mohh id-dirigenti dwar il-hila, l-atteggjament u n-negligenza li wera l-appellant. Ghaldaqstant il-Kumpanija kellha raguni tajba u bizzejjed biex ittemm l-impjieg.

## 7. **KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

It-Tribunal Industrijali osserva li :-

7.1 l-kariga ta' l-appellant kienet ta' Pipe fitter kemm fil-bidu kif ukoll fit-tmiem ta' l-impjieg

7.2 l-akkuza li l-appellant

7.2.1 falla mix-xoghol minghajr avviz ghal gurnata fiz-zmien meta kien qed jahdem fil-Lukanda Hyperion ma gietx ippruvata

7.2.2 kien nieqes mill-hila ghaliex ghamel hsara f' zewg "fan coil units" giet ippruvata parzjalment u nharget twiddiba bil-miktub datata 19 ta' Gunju, 1995 li nghatat lill-appellant nhar it-23 ta' Gunju, 1995 meta kien avzat bit-temm ta' l-impjieg

7.2.3 kien nieqes mill-hila ghaliex ma kienx jaf jaqra drawing giet ippruvata parzjalment ghaliex l-istess konsulent tal-Kumpanija xehed li n-nuqqas kien limitat ghal xi 25% tat-taghrif kollu li normalment jitpogga fuq drawing tekniku. Dwar dan in-nuqqas qatt ma kien hemm xi azzjoni min-naha tal-Kumpanija

7.2.4 kien nieqes mill-hila ghaliex kien ghamel xoghol hazin meta interpretata hazin il-qisien tat-tubi

minn fuq drawing ma gietx ippruvata u ma kienx hemm twiddib miktub dwarha

7.2.5 zarma kmieni minn fuq il-lant tax-xoghol giet ippruvata u l-Kumpanija kienet harget twiddiba datata 19 ta’ Mejju, 1996

7.3 ir-ragunijiet li wasslu ghat-twiddib miktub, it-tul ta’ zmien li fih inhargu t-twiddibiet, l-amministrazzjoni tat-tliet twiddibiet fejn l-ahhar tnejn inghataw fil-jum ta’ l-avviz tat-temm ta’ l-impjieg, kif ukoll ghall-fatt li l-ewwel zewg twiddibiet ma javzawx lill-appellant li seta’ jitkecca lkoll juri li l-Kumpanija kellha pjan biex tittermina l-impjieg u ma ghamlitx sforz genwin li toffri lill-appellant opportunita’ biex jikkorgi n-nuqqasijiet tieghu.

8. **<u>DECIZJONI</u>**

Fid-dawl ta’ dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-appellant tkecca mill-impjieg minghajr raguni gusta u sufficjenti skond il-Ligi u jordna dak li gej :-

8.1 Il-Kumpanija ghandha thallas lill-appellant is-somma ta’ mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) bhala kumpens ghal tkeccija ngusta. Dan il-hlas ghandu jsir f’zewg pagamenti ndaqs u kon-sekuttivi wiehed kull gimghatejn. L-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien gimghatejn mid-data ta’ din id-decizjoni.

8.2 Ghal finijiet ta’ l-avviz legali Numru 48 tal-1986 jintaxxa d-drittijiet ta’ kull persuna li assistiet lill-partijiet fis-somma ta’ erbghin Liri Maltin (Lm40).

B’hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

-----------------------
**Anthony DeGiovanni**
**CHAIRMAN**

-------------------
**George Attard**
**SEGRETARJU**

mrg